## DON GAETANO MANNARINO U L-FURJANA.
### TAGĦRIF MIĠBUR MINN PUBLIO AGIUS

Matul iż-żmien bosta kienu dawk il-personaġġi li kellhom demm ibaqbaq biex jiġġieldu għad-drittijiet tagħna l-Maltin, u forsi mhux kollha ġew rikonoxxuti għall-patrijottiżmu tagħhom. Wieħed min dawn l-eroj kien Don Gaetano Mannarino li twieled fl-1733.

Mannarino kien ġej minn familja sinjura u fi tfulitu ma kien jonqsu xejn. Fid-dar tal-ġenituri (Giuseppe u Giovanna) tiegħu li kienet fl-inħawi tal-knisja ta' Ġiesu fil-Belt Valletta, kellu s-servi li kienu jaqdu lill-familja fil-bżonnijiet tagħhom. Meta ġietu l-vokazzjoni ta' saċerdot, daħal fis-seminarju maġġuri l-Furjana, fl-1756 u meta laħaq saċerdot intbagħat biex jaqdi d-doveri pastorali tiegħu l-Furjana. Kien propju f'dan iż-żmien li Don Mannarino kien sab l-appoġġ ta' xi kollegi qassisin u ħbieb oħrajn minn parroċċi oħrajn u li magħhom kien jaqsam l-istess ideoloġiji liberali li kien iħaddan.



Fl-omeliji u l-prietki tiegħu ma kienx joqgħod lura milli jikkritika bl-aħrax il-ħakma u t-tmexxija iebsa tal-Ordni f'dak iż-żmien u għalhekk ma damx ma spicca fil-mira ta' xi kavallieri li kienu qed jaraw jikber madwarhom moviment kontra tagħhom minn Mannarino, fil-Furjana.

Min hu midħla tal-Istorja ta' Malta jaf li dan is-saċerdot baqa' sinonimu mal-hekk imsejħa rewwixta tal-qassisin, li seħħet fl-1775. Din ir-rewwixta ma kienet xejn ħlief numru ta' ġrajjiet li fl-aħħar laħqu l-qofol tagħhom fil-kumplott organizzat minn Mannarino u sħabu biex iwaqqfu r-ripressjoni tal-Ordni.

It-tmexxija tal-Gran Mastru Fra Francesco Ximenes de Texada, ma tantx kienet popolari mal-Maltin ta' żmienu għax kontra dak li kien mistenni minnu, daħħal numru ta' miżuri ekonomiċi li bdew jgħakksu lill-poplu, partikolarment lill-popolin l-aktar vulnerabbli.

Tajjeb li wieħed jaċċenna għas-sitwazzjoni xejn pjaċevoli li kienet teżisti f'xi nħawi tal-Furjana, speċjalment barra l-Belt Kapitali li kienet prattikament dominata minn numru ta' foqra, tallaba u persuni mwarrba mis-soċjeta` li kienu jinġemgħu barra bieb il-Belt.

Don Mannarino kien qassis eżemplari u twajjeb, u kien iħobb lill-persuni fil-bżonn. Waqt marda iebsa li ħakmitu, kien għamel wegħda li jiġbor it-tallaba kollha tal-Belt Valletta u kien organizzalhom purċissjoni lejn il-knisja ta' San Publju, il-Furjana u wara l-prietka tiegħu tahom ħobż u soppa biex jitrejqu. Naturalment il-Kunsill tal-Ordni ma tantx niżlitlu din l-attivita` u dlonk ordna li jingħalaq il-bieb prinċipali tal-Belt Valletta minħabba l-biża' ta' mard li kellhom fuqhom it-tallaba.

Il-qagħda soċjali kienet ħażina ħafna. Il-prezz tal-qamħ kien jiżdied spiss b'konsegwenza li kulħadd kien qed ibati l-ġuħ. Il-valur tal-flus kien naqas sew u l-pagi tal-ħaddiema ċivili kellhom jonqsu. It-tagħlim fl-Universita` kellu jieqaf ħesrem għax il-professuri barranin intbagħtu lura f'pajjiżhom. Biex is-sitwazzjoni tkompli tagħqad, il-kaċċa għall-fniek selvaġġi kellha tieqaf fuq ordni tal-Gran Mastru, biex in-numru tagħhom ma jibqax jonqos.

Don Mannarino kien leali lejn il-Knisja u lejn l-Isqof tiegħu Mons Gann Karm Pellerano li kien l-uniku wieħed li kien qed jeħodha kontra l-G.M.

L-għan tal-protesti min-naħa tal-Isqof Pellerano kien biex ibeżbżu lill- G. M., u jġegħluh iraħħas il-prezz tal-qamħ.
Għalhekk quddiem din is-sitwazzjoni, il-famuża rewwixta ma kenitx barra minn lokha. Don Gaetano Mannarino u sħabu fasslu kumplott kontra l-Ordni, li kellu jigi esegwit fid-9 ta' Settembru 1775, l-għada tat-tifkira tal-Vitorja meta ħafna kavallieri jkunu rilassati f'jum ix-xalata.

Ġara iżda li meta fil-jum mistenni tal-kumplott, ingħata s-sinjal tal-azzjoni, Mannarino u sħabu tħallew waħedhom u iżolati, b'riżultat li meta invadew u rebħu Sant'Iermu u l-Kavallier ta' San Gakbu, ma kellhomx biż-żejjed forza biex jirreżistu u kellhom iċedu l-armi, u wara ġew ipproċessati fi Qrati differenti.

Don Mannarino kien issentenzjat għal għomru l-ħabs u kien maqful f'ċella, f'kundizzjonjiet terribbli. Kien biss wara 23 sena li Don Mannarino nħeles mill-ġeneral Napuljun, fil-15 ta' Ġunju 1898, ftit wara l-miġja tal-Franċiżi.

Interessanti li wieħed jinnota li dan l-aħħar ġiet identifikata ċ-ċella f'Sant'Iermu fejn Don Mannarino , għadda fiha 23 sena minn ħajtu. Irid jingħad ukoll li Don Gaetano Mannarino kellu wkoll propjeta` fil-Furjana, eżattament fi Triq li llum nafuha bħala Triq l-Argotti, biswit Villa Agata, fejn joqgħod is-Surmast Sammy Galea. Il-kuntratt tax-xiri kien sar fl-1774 u din il-propjeta li anke kien fiha kappella (li ħasra li twaqqgħet dan l-aħħar bħala parti minn progett ta' kostruzzjoni) sussegwentement għaddiet għand ħuh Bartolomeo, meta Mannarino kien intbagħat il-ħabs.

Don Mannarino miet fl-1814 u jingħad li ndifen fil-knisja Parrokkjali ta' Santa Marija (magħrufa bħala l-knisja l-qadima) ta' Birkirkara. Forsi hu opportun li aħna l-Furjanizi nagħtu l-ġieħ mistħoqq lil dan il-patrijott Malti, bħal m'għamilna lill- personaġġi eroj oħrajn Maltin u b'hekk isem il-Furjana jibqa' xhieda tas-sehem tagħha fl-Istorja ta' Malta.

Referenzi:-

*1 In search of the roots of the Unione Politica Maltese (U.P.M.): religion, identity and social consciousness (Simon Mercieca)*
*2 Il-Mument (27.08.2000) Page 21.*
*3 Korrispondenza u dokumenti mibgħuta lill-awtur mill-Konslu S. Cauchi.*
*4 Times of Malta (16.06.1998)*

**Buckingham Garage**

Adrian Bugeja

**24 Hours Chaffeur Driven Service**
**Day Tours on Request**

**Tel: 2122 4148 | Mob: 7922 4148**




**Jawgura**
l-Festa t-tajba lil kulħadd

**9, Crucifix Hill,**
**Floriana FRN1930**
**Malta - Europe**

e. mail:bukingam@maltanet.net